**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**

**Frar 2016**

---

**IS-SITT SENA** **IL-MALTI (IL-FEHIM MILL-QARI)** **Il-ĦIN: 50 MINUTA**

---

**L-Isem u l-Kunjom: ________________________** **Il-Klassi: ______**

**Il-Marki: 30 marka**

---



**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**

**Aqra din l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# L-ILMA

Malta qiegħda fid-disa' post tal-klassifika tal-pajjiżi bi skarsezza ta' ilma. Il-pjan 'Użu Għaqli tal-Ilma' joffri xi miżuri sempliċi kif nistgħu nibżgħu għall-ilma. Fosthom insibu dawn:



- Sewwu l-viti li jqattru mill-ewwel.
- Aħjar tieħdu doċċa milli banju.
- Titfgħux ilma żejjed fil-kitla meta ssaħħnuh għat-te.
- Waqt li tkunu qed taħslu snienkom tħallux l-ilma nieżel.
- Aħsbu sewwa qabel ma tarmu l-ilma wżat – ħafna minnu jista' jerġa' jintuża.
- Biex taħslu l-bitħa jew xi passaġġi użaw xkupa u barmil ilma, mhux il-pajp.

**L-ILMA TAX-XORB** Dan huwa ilma tajjeb biex tixorbu jew issajjar bih. Skont studju li sar fl-2012, 89% tan-nies għandhom aċċess għall-ilma tax-xorb. Filwaqt li ħafna minn dawn għandhom l-ilma tal-vit, oħrajn iġibu l-ilma minn bjar jew għejun pubbliċi. Sfortunament 1.8 biljun ruħ għadhom jużaw ilma li jista' jkun kontaminat mill-ħmieġ tan-nies jew tal-annimali. Ħafna drabi dan iġib mard serju li jista' jwassal għall-mewt!



**KONT TAF?** Bejn wieħed u ieħor il-bniedem jixrob xi litru ilma kuljum iżda f'żoni ta' klima sħuna wieħed jixrob ħafna aktar minn hekk. Xi awtoritajiet tas-saħħa jirrakkomandaw li adult għandu jixrob madwar żewġ litri kuljum. Kont taf li madwar 75% ta' ġismek huwa ilma? L-ilma fih xi traċċi ta' elementi fosthom sodju u potassju, li huma importanti ħafna għall-metaboliżmu ta' ġisimna. Għalhekk meta jaqbdek l-għatx, ixrob l-ilma!

**A. Immarka (√) jekk hux Veru jew Falz.** **(2 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Dan il-powster jurina kif għandna nibżgħu għall-ilma. | | |
| 2. | F'Malta m'għandniex skarsezza t'ilma. | | |
| 3. | Aħjar tieħu banju milli tieħu doċċa. | | |
| 4. | Xi ilma użat jista' jerġa' jintuża. | | |

**B. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** **(4 marki)**

1. Malta tinsab ( fil-ħames, fid-disa', fir-raba' ) post tal-klassifika tal-pajjiżi bi skarsezza t' ilma.
2. Għandna dejjem insewwu l-viti li qed ( jissaddu, jitmermru, iqattru ).
3. Sfortunatament għad hawn ħafna nies li jużaw ilma ( kontaminat, ġieri, mielaħ).
4. L-ilma fih xi traċċi ta' elementi li huma tajbin għalina fosthom ( potassju, klorina, odju ).

**Ċ. Wieġeb** **(4 marki)**

1. Għalfejn sar il-pjan 'Użu Għaqli tal-Ilma'?

____________________________________________

2. Għalfejn importanti li nixorbu ħafna ilma? Semmi żewġ raġunijiet.

a) ____________________________________________

____________________________________________

b) ____________________________________________

____________________________________________

**It-Tieni Taqsima** **(20 marka)**

**Aqra din l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

**Tifel Maħtuf**

*L-Ewwel Parti*

In-nannu dejjem kien jgħid li l-bajja tax-Xwejni f'Għawdex ħadet isimha mill-kelma 'xwieni', għax fl-imgħoddi f'din il-bajja kienu jidħlu ħafna xwieni tat-Torok. It-Torok kienu jinżlu l-art u jisirqu mill-għelieqi u l-irziezet tal-qrib. Fid-daħla tal-lemin tal-bajja għad hemm forom tondi mħaffra fil-blat fejn it-Torok kienu jorbtu l-bastimenti **tagħhom**. 'Il fuq minnhom hemm passaġġ aktar lixx mill-bqija tal-blat. Dan juri minn fejn kienu jimxu. Kienu jibqgħu telgħin minn gandott fil-blat, bejn il-wesgħa taħt il-Qolla l-Bajda u l-għerien (illum mirduma). Dan il-passaġġ huwa magħruf bħala t-Triq tat-Torok. **(par.1)**



Kif titla' minn fuq ix-xtajta u taqsam it-triq, issib ruħek fl-għelieqi. Sa ftit snin ilu, dawn kienu jinħadmu kollha mis-sidien tagħhom jew mill-bdiewa taż-Żebbuġ li kellhom l-art qbiela. Illum in-naħa ta' quddiem hija mibnija appartamenti. In-nanna tiegħi kellha l-għelieqi magħrufa bħala Ta' Żokku. F'dawk l-inħawi kien hemm ukoll il-mitħna tar-riħ ta' Kalanġ. Fil-ġiebja kellu ħafna ħut tal-ilma ħelu, li konna nippruvaw naqbdu bil-kopp. Kalanġ kellu wkoll dwejra mibnija fuq l-għolja ta' blat għeri, bl-għelieqi niżlin imtarrġa madwarha. **(par.2)**

Ftit 'il bogħod minnha kien hemm bir żgħir tal-ilma, magħruf mill-bdiewa bħala 'Il-Bir tal-Blata'. Meta konna mmorru nirgħu n-nagħaġ, konna nniżżlu jdejna fl-ilma tal-bir li jkun jilħaq sal-wiċċ u nixorbu. Ġieli konna nużaw xi werqa tal-bajtar tax-xewk b'forma mħaffra bħala reċipjent għax kienet tesa' aktar ilma. **(par.3)**

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet, skont is-silta.** (8 marki)

1. Aqta' linja taħt is-sentenza t-tajba.

   Aktarx li l-bajja tax-Xwejni f'Għawdex ħadet dan l-isem għax:

   a) fiha nstabu ħafna xwieni sbieħ.
   b) it-Torok kienu jidħlu minnha permezz tax-xwieni.
   ċ) l-Għawdxin kienu jidħlu minnha permezz tax-xwieni.

2. Għaliex kien jintuża l-passaġġ li kien lixx aktar mill-bqija tal-blat?

   ______________________________________________

3. Illum x'ġara mill-għelieqi li kien hemm hekk kif kont taqsam it-triq?

   ______________________________________________

4. X'kien juża l-awtur biex ikun jista' jtella' aktar ilma mill-bir?

   ______________________________________________

5. F'paragrafu 1, għal min qed jirreferi l-**pronom mehmuż 'hom'** fis-sentenza

   ...jorbtu l-bastimenti **tagħ<u>hom</u>**...? ____________________

6. Mit-tieni paragrafu, sib nom wieħed fil-**plural miksur**.

   ______________________________________________

7. Aqleb fil-femminil: '*Fil-ġiebja <u>**kellu**</u> ħafna ħut tal-ilma ħelu...*' (par.2)

   ______________________________________________

8. Agħti l-għerq tal-verb **'mmorru'** (par.3).

   Għerq: ____________________

**Kompli aqra s-silta u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

*It-Tieni Parti*

In-nannu jirrakkonta l-istorja ta' tifel miż-Żebbuġ li kien ħdejn il-bir tal-blata, jimla l-ilma. Kienu qegħdin jaħdmu fl-għelieqi fil-qrib, meta warrab daqsxejn biex imur jixrob u jtaffi ftit mill-qilla tas-sħana. Kien dak il-ħin li daħlu għall-għarrieda t-Torok fil-port tax-Xwejni. Dawn niżlu l-art, qasmu t-triq u baqgħu telgħin fl-għelieqi tal-qrib. Ħin bla waqt lemħu t-tifel jimla l-ilma. Ħatfuh, niżżluh magħhom lejn ix-xatt u ħaduh magħhom fuq il-bastiment lejn il-Barberija. **(par.4)**



Għaddew ħafna snin u darba waħda grupp ta' Għawdxin siefru lejn Tunes biex isibu x-xogħol. Wieħed minn dawn **mar jaħdem** f'dar kbira u lussuża ta' sinjur Għarbi. Faċċata ta' din id-dar kien hemm dar oħra kbira qisha palazz. Sikwit kien jara raġel sinjur, liebes pulit bil-ġlekk u bl-ingravata, bilqiegħda għall-frisk fuq l-għatba. Darba waqaf ikellmu u s-sinjur staqsieh minn fejn kien. Meta l-Għawdxi qallu li kien minn Għawdex, is-sinjur ħadlu b'idu u tgħidx kemm feraħ bih. **(par.5)**

"Jien ukoll Għawdxi," qallu bid-dmugħ f'għajnejh, "miż-Żebbuġ." Imbagħad irrakkontalu kif darba fis-sajf, meta kien għadu tifel u kienu qed jidirsu fl-għelieqi fuq ir-riħ tax-Xwejni, mar jixrob mill-Bir tal-Blata. F'daqqa waħda telgħu t-Torok mix-Xwejni u ħaduh magħhom lejn Barberija, fejn biegħuh lil wieħed sinjur. **(par.6)**

"Allura qatt ma rġajt lura Għawdex?" staqsih l-Għawdxi mimli kurżita`. "Għalkemm infridt mill-familja, sibt xortija hawnhekk. Is-sinjur li kont naħdem miegħu kien iħobbni bħal ibnu, u meta miet ħallieli ġidu kollu," u wrieh b'ħarstu d-dar kbira u l-ġonna ta' madwarha li kienu kollha tiegħu. Snin wara l-ħaddiem Għawdxi reġa' lura Għawdex u rrakkonta din l-istorja lill-qraba tat-tifel li kienu għadhom ħajjin. **(par.7)**

*(Kitba addattata minn It-Tifel Maħtuf minn fuq il-Bir tal-Blata, kitba ta' Joe Axiaq, Sagħtar ħarġa numru 308)*

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet, skont it-tieni silta.** ( 8 marki)

1. Immarka ( ✓ ) jekk hux Veru jew Falz:

   Waqt li kien qed jimla l-ilma mill-Bir tal-Blata, it-tifel kien waħdu.

   VERU ☐ FALZ ☐

2. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.

   Hekk kif raw it-tifel, it-Torok:

   a) sellmulu u telgħu ħdejh.
   b) ma tawx kasu għax kien żgħir.
   ċ) ħatfuh u ħaduh magħhom.

3. Għalfejn siefru lejn Tunes xi grupp ta' Għawdxin?

   ______________________________________________

4. Mis-silta sib frażi/espressjoni li turik li t-temp kien sħun ħafna. (par. 4)

   ______________________________________________

5. Aqleb dan il-verb fl-imperattiv:

   Mar jaħdem (par.5) ______________________________

6. Aqleb din is-sentenza fin-negattiv:

   Grupp ta' Għawdxin **siefru** lejn Tunes. (par.5)

   ______________________________________________

7. Għaliex dak is-sinjur qatt ma reġa' lura għand il-familja tiegħu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8 . X'taħseb li ħass is-sinjur meta ltaqa' mal-ħaddiem Għawdxi?

Agħti raġuni għaliex taħseb hekk.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Ċ. Wieġeb il-mistqosijiet fuq is-silta kollha.** (4 marki)

1. Sib kelma / espressjoni mis-silta kollha li tfisser:

a) fl-antik ______________________________ (par. 1)

b) kontenitur ______________________________ (par. 3)

ċ) f'daqqa waħda ______________________________ (par. 4)

d) ta' spiss ______________________________ (par. 5)

2. X'taħseb li għamlu l-qraba tat-tifel meta saru jafu li kien għadu ħaj?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**